

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8953 — Snam/DESFA)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2018/C 208/11)

1. Fit-8 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Snam (tal-Italja), ikkontrollata minn Cassa Depositi e Prestiti S.p.A. ("CDP", tal-Italja),
- Hellenic Gas Transmission System Operator ("DESFA", tal-Greċja).

SNAM takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' DESFA kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Snam: Snam hija kumpanija azzjonarja tas-Snam Group, li hija proprjetarja tal-operatur prinċipali tas-sistema ta' trażmissjoni fl-Italja, u għandha diversi parteċipazzjonijiet f'kumpaniji attivi fit-tažmissjoni u l-ħażna tal-gass madwar l-UE,
- CDP: CDP kumpanija bi stokks konġunti taħt il-kontroll pubbliku tal-Gvern Taljan.
- DESFA: imwaqqfa fl-2007 bil-għan li tħaddem, iżżomm, tiġġestixxi, tesplojta u tiżviluppa l-Hellenic Gas Transmission System, inklużi l-interkonnnessjonijiet tagħha mat-Turkija u l-Bulgarija, u t-terminal tal-LNG li jinsab lokalizzat fil-gżira ta' Revythousa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-notifikata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8953 — Snam/DESFA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.